MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Numru. 20/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Mohamed Ageel Milad, ta' 29 sena, iben Milad u Isha nee` Argubi, imwieled Libja fl-10 ta' Marzu 1981 u residenti f'indirizz mhux maghruf gewwa l-Imsida u detentur ta' Passaport Libjan bin-numru 188340**

Il-Qorti**,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Mohamed Ageel Milad li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Jannar 2009, bejn l-ghaxra ta' filghodu u saghtejn ta' wara nofsinhar (10.00am u 2.00pm), f'Wied iz-Zurrieq limiti tal-Qrendi u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta’ Melanie Grivel;

2. Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm u ssekwestra lil Melanie Grivel kontra l-volonta taghha, u dana bhala mezz biex tigi imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u li b’liema zamma jew sekwestru Melanie Grivel giet offiza fu qil-persuna taghha;

3. Bi vjolenza ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Melanie Grivel;

4. Uza vjolenza sabiex igieghel lil Melanie Grivel tghmel, thalli jsir, jew tonqos mill-taghmel xi haga;

5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Melanie Grivel, biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgiega tieghu se jikkagunalha biza;

6. Gab ruhu b’tali mod li ta fastidju lil persuna ta’ Melanie Grivel u b’mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuna ta’ Melanie Grivel;

7. Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil zieni li sar f’post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fid-9 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tas-14.30hrs gewwa l-115, The Strad Hotel Sliema;

8.Ipprova jikkorrompi lil PS702 Jonathan Ransley u PC482 Keith Muscat waqt li qed jaghmelu d-doveri taghom billi offrilhom is-somma ta’€100;

Akkuzat ukoll talli fid-9 ta’ Jannar, 2009, ghall-habta tat-20:00hrs gewwa l-Ghassa tas-Sliema:

9. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li

kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Novembru, 2009
Semghet li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni mghamulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat:

Illi lfid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi migjuba il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat izda ma tistax tinjora s-serjeta tal-kaz u li l-imputat ammetta fi stadju inoltrat tal-kawza.

Ghadaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 198, 201(b), 86, 87(1)(c), 88, 207, 251, 251A, 251B, 251C, 209, 120, 96, 151, 152 u 160, 17(h), 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' erba (4) snin u xahar prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma qed tikkundanna lill-imputat ihallas is-somma ta' €2005.26 bhala spejjez peritali lir-Registratur tal-Qorti liema ammont ghandu jithallas fi zmien sitt (6) xhur mil-lum u fin-nuqqas jigi konvertit f'piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------